# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-54 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 27 ta' April 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**54.01 Talba**

54.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**54.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

54.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**54.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 53**

54.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 53 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Kunsillier Dingli ssekonda.

**54.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.04.01 Rigward il-ħlas mingħand l-*Insurance* rigward il-ħsara fl-arbli taz-zewg soċjetajiet li ntużaw fil-Milied, id-DSE informa li kien għadu qed jistenna mingħand l-*Insurance*.

54.04.02 Is-Sindku innotat b'dispjaċir li għal Laqgħa tal-Lokalita' li saret fis-17 ta' April ma kien attenda ħadd.

54.04.03 Is-Sindku semmiet l-*issue* tan-nuqqas ta' *markings* fi Triq Mons. Alfons Caruana li kien qed jikkawża inkonvenjent sabiex xi residenti jkunu jistgħu joħorġu bil-vettura tagħhom minn ġol-garaxx. Id-DSE informa li l-Perit tal-Kunsill kienet diġà għamlet *sketch* għal *Traffic Management* f'din it-triq u fl-akkwati u r-raġuni għaliex ma sarux kienet minħabba li kienu ser isiru xi xogħlijiet fl-akkwati. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-*parking bays* anke jekk b'mod temporanju.

54.04.04 Is-Sindku spjegat li l-applikazzjoni tagħna taħt l-iskema tal-Kultura kienet saret. Hija qalet li l-ħsieb kien li jinġieb il-grupp Kantera u Jomike u Lydon flimkien ma' talent lokali. Hija qalet li ladarba nirċievu l-konferma li l-applikazzjoni tagħna tkun ġiet aċċettata, inkunu nistgħu nfasslu l-programm skont l-ammont li ningħataw. Hija qalet li kienet anke avviċinat lil Skutu sabiex isir ġelat tar-rummien però minħabba r-riskju tat-temp, u għalhekk dan mhux ser isir. Hija nfurmat li l-ħsieb sa issa huwa li din l-attività tinżamm fit-13 ta' Ottubru.

54.04.05 Is-Sindku issuġġeriet li rigward il-bankina fil-Pjazza ssir *pot* kbira sabiex jiġi eliminat il-periklu però wara diskussjoni dwar is-suġġett ġie deċiż li għandna nkellmu lill-Kuntrattur tal-Kunsill (Catbros) sabiex naraw tistax titranġa jew isir xi forma ta' *railing*.

54.04.06 Is-Sindku nfurmat li rigward il-bankina fi Triq Karmenu Ciantar kienet tkellmet mas-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien u dan kellu jkellem lis-Segretarju Permanenti preżenti peress li ftakar il-ftehim li kien sar ma' IM. Hija qalet li ġiet ikkuntatjata mill-eks-Sindku ta' dak iż-żmien Dr C. Muscat li issuġġeriet li jekk ma jkunx hemm qbil, kienet lesta li tieħu l-każ il-qorti. Finalment kienet tkellmet mas-CEO ta' IM fejn dan kien wiegħed li l-bankina ssir però dwar il-wiċċ id-deċiżjoni finali ser tittieħed aktar il-quddiem.

54.04.07 Rigward ix-xogħlijiet fi t-Triq tas-Sejba s-Sindku nfurmat li kienet tkellmet mas-CEO ta' IM li kien ikkonferma li x-xogħol miexi skont il-pjan. Id-DSE ikkonferma li l-Perit Bonnici kien ikkonferma dan u kien infurmaħ li jekk għal xi raġuni t-triq ma tkunx tlestiet kompletament, kien ser jinstab mezz kif in-nar ikun jista' jiġi trasportat xorta waħda mingħajr periklu.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fis-6:22 pm***

54.04.08 Is-Sindku nfurmat li waqt laqgħa li kienet saret ftit ġimgħat ilu, s-Sur Edwin Gatt kien issuġġerixxa li l-membri tal-Kunsill jipparteċipaw fil-programm Passiġġata. Wara diskussjoni, l-Kunsill ma qabilx li għandu jipparteċipa bħala Kunsill. Is-Sindku qalet li din id-deċiżjoni għandha tiġi kkommunikata lis-Sur Gatt.

54.04.09 Is-Sindku reġgħet fakkret lid-DSE sabiex jieħu ħsieb iwieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-ARPA rigward il-proġett ta' *Green Infrastructure* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Id-DSE wiegħed li kien ser jaħdem fuqha.

54.04.10 Is-Sindku ikkummentat li kien qed isir ħafna diskors dwar il-parti tat-triq quddiem is-Sur C. Briffa fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Perit ta' IM li kien ikkonfermalha li qatt ma kien ippjanat li jsiru xi *pots* f'din il-parti tat-triq. Minkejja dan, is-Sindku talbet sabiex jkollha laqgħa ma' Ambjent Malta bil-għan li tinsab soluzzjoni dwar dan il-każ.

54.04.11 Is-Sindku issuġġeriet li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jingaġġa *Project Manager* sabiex jieħu ħsieb proġetti żgħar li jridu jitlestew fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

54.04.12 Is-Sindku nfurmat li kienet ser torganizza *High Tea* il-Ħadd 28 ta' Mejju u ħarġa għal Għawdex l-Erbgħa 31 ta' Mejju.

**54.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

54.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa fiex wasalna fuq it-tiswija tal-Pjazza. Is-Sindku nfurmat illi ntbagħtu *emails* u anke tkellmet mal-Ministru responsabbli mill-*Public Works*. Hija qalet illi l-bieraħ irċeviet mingħand il-Ministru Zrinzo Azzopardi li kien ser jieħu azzjoni fuq il-każ. Il-Kunsillier Decelis żied jgħid li kellu l-wegħda tal-konsulent Alex Caruana li x-xogħlijiet għandhom jibdew kemm jista' jkun malajr.

54.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa għaliex il-pompa ta' Ġnien Mikielanġ Sapiano mhux qed taħdem. Il-Sindku nfurmat li suppost li qed taħdem u jekk mhux qed taħdem jidher li rġajna bil-problemi, bl-aħħar waħda kienet illi kienet qed tiġbed iż-żerriegħa u allura tieqaf taħdem. Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-ħaddiem responsabbli mill-pompa sabiex naraw fejn qiegħda l-problema.

54.05.03 Il-Kunsillier Dingli talab *update* fuq l-*App* tal-Kunsill. Ġie deċiż li nkellmu lil Maurice Aquilina li kien qed jaħdem fuqha però s-Sindku nfurmat li kellha ssir *App* komuni mill-Gvern Centrali għall-Kunsilli kollha.

54.05.04 Il-Kunsillier Dingli nforma li kien ġie avviċinat jekk hux possibbli li jsiru 4 arbli fid-daħla tar-raħal. Is-Sindku spjegat dak kollu li kien intqal lilha minn diversi Kunsillieri meta hija ressqet din it-talba tal-istess Kunsillier f'okkażjoni separata. Dak il-hin hija ċemplet lil dik il-persuna li għamlet it-talba sabiex setgħu jiġu ċċarati ċertu mistoqsijiet.Wara diskussjoni ġie deċiż li l-arbli jsiru 2 fuq kull naħa tal-arblu tal-Kunsill.

54.05.05 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka fuq il-fatt li jixtieq li jkun hemm *feedback* għal mistoqsijiet li jsiru. Id-DSE informa li sfortunatament mhux dejjem possibbli li jingħata *feedback* minħabba diversi raġunijiet fosthom li għal dawn l-aħħar 13-il xahar, il-Kunsill kien mingħajr SE *full-time*. Huwa żied jgħid li minħabba l-fatt li ma nistgħux nagħmlu *item* "Punti mill-Minuti" fl-Aġenda mhux qed jgħin sabiex jingħata ċertu *feedback*. Saret diskussjoni dwar ix-xogħol li qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill u ġie deċiż li l-Kunsill jitlob li ħaddiem partikolari jkun preżenti għal laqgħa tal-Kunsill sabiex ikun jista' jwieġeb għal mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

54.05.06 Il-Kunsillier Decelis staqsa għal *update* dwar iċ-ċaqlieq tal-*Bus Terminus* minn Triq Karmenu Ciantar. Is-Sindku spjegat li konna ktibna lil TM għal darba darbtejn u d-*Deputy* CEO kien qed jieħu nteress personali fis-suġġett.

54.05.07 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar tabella sabiex vetturi ma jdurux lejn Triq il-Qattara minn Triq id-9 ta' April. Għandna niċċekkjaw ma' TM.

54.05.08 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsir xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni fi Triq il-Murselli minħabba inċidenti li qed isiru. Ġie deċiż li nerġgħu nippruvaw għal *sleeping policeman* ma TM.

**54.06 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

54.06.01 Is-Sindku spjegat li konna rċivejna mingħand id-DLG li kien hemm biss persuna waħda li applikat għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill tagħna. Hija qalet li konna ġejna nfurmati ukoll illi fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla u l-Kunsill seta' jiddeċiedi fuq il-pożizzjoni waqt laqgħa. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jaħtar lis-Sinj. Valerie Galea bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u l-Kunsill qabel unanimament.

54.06.02 Fuq proposta tas-Sindku, ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jinnomina lis-Sur Fabian Mizzi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

54.06.03 Fuq proposta tas-Sindku ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-pożizzjoni ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali fi Skala 11.

**54.07 Proġetti**

54.07.01 Rigward l-Isptar il-Qadim is-Sindku spjegat li wara li l-Perit tal-Kunsill għamel l-aġġustamenti skont kif mitlub mis-CRPD u issa qed nistennew mingħand il-PA.

54.07.02 Rigward il-Ġnien Onġi Onġella, s-Sindku spjegat li konna għadna qed nistennew mingħand il-PA.

54.07.03 Is-Sindku spjegat li aktar kmieni dan ix-xogħol konna ifformajna l-ftehim dwar il-*Heritage Trail* taħt l-iskema maħruġa mill-GAL Xlokk.

54.07.04 Rigward il-Ġnien tal-Mentna s-Sindku spjegat li l-bieb u t-tieqa saru tal-ħadid mill-ħaddiem tal-Kunsill, saret l-ordni sabiex il-*bins* li hemm jiġu *sandblasted* kif ukoll ġie ordnat il-materjal meħtieġ sabiex jinbidel id-dawl. Il-ġimgħa d-dieħla għandha terġa titqabbad is-sistema tal-irrigazzjoni. Rigward is-*see-saw* u z-2 *springers* flimkien mas-*soft areas*, ġie deċiż li nagħżlu l-orħos u skont il-qisien li għandna. Ġie deċiż ukoll li jinxtraw numru ta' bankijiet ta' materjal riċiklabbli minflok jinbidel l-injam li hemm preżenti peress li jiġi orħos.

**54.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

54.08.01 Ċirkulari 10/2023 mingħand id-DLG rigward Inizjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

54.08.02 Korrispondenza mingħand ConnectedCare Ltd. dwar is-servizz tat-telecare. Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija.

54.08.03 Korrispondenza mingħand l-Ispettur responsabbli mill-*Community Policing* sabiex il-Kunsill japplika għal xi *e-bikes* etc. taħt l-iskema li ħarġet dan l-aħħar.

54.08.04 Korrispondenza mingħand d-District Operations bħala konferma li rċevew it-talba tagħna sabiex inġibu ħaddiem klerikali u ieħor bħala fattiga.

54.08.05 Korrispondenza mingħand *The Notebook Centre* dwar skema ta' manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti Imqabbin. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jesplora din l-inizjattiva.

54.08.06 Korrispondenza mingħand il-kumpanija Mapfre sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont ta' € 1,453 wara inċident li kien seħħ fi Triq George Martin. Sfortunatament il-Kunsill kien daħħal l-oġġezzjoni tiegħu għal din it-talba tard u għalhekk issa ser ikollu jħallas l-ammont dovut. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill ma għandux triq oħra ħlief li jħallas l-ammont dovut.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, id-DSE staqsa jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**54.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

54.09.01 Talba sabiex isir *patching* fi Triq Baskal Xuereb. Ġie deċiż li nitolbu lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jagħmel dan ix-xogħol filwaqt li nkellmu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb jagħmel talba sabiex ma jibqax l-aċċess li hemm minn din it-triq għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sabiex eventwalment it-triq tkun tista' ssir minn IM.

54.09.02 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li Sqaq Buħar jitwitta permezz tat-torba sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-vetturi mingħajr problemi. Ġie deċiż li nitolbu l-kwotazzjonijiet sabiex isir dan ix-xogħol.

54.09.03 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru *Sleeping Policeman* fi Triq tas-Sejba fl-akkwati tal-garaxxijiet. Ġie deċiż li nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' TM.

54.09.04 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru *Double Yellow Lines* fil-kantuniera fi Triq Filippu Venuti. Ġie deċiż li napplikaw għall-approvazzjoni ta' TM.

54.09.05 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar *issue* li nqalgħet meta mar isaqsi resident jekk hux possibbli teħel bozza mar-residenza tiegħu. Huwa qal li għalissa din il-bozza qiegħda *on hold* sakemm jinstab post alternattiv, preferibbilment teħel mar-residenza ta' min talab din il-bozza.

**54.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti numru 08/54**

54.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/54 ġiet approvata unanimament.

53.09.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Marzu 2023 ġiet approvata unanimament.

**54.11** **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

54.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 22 ta' Mejju fil-5:30 pm

Konfermati illum il-Tnejn 22 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |